

32005R1655

L 266/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.10.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1655/2005**tal-10 ta' Ottubru 2005****li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżidilha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ f'oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2, għar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, li għandha x'taqsam mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità¹.

¹ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonn 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-26 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
<p>1. Oġġett mhux armat b'forma ta' serra ta' daqs ridott, hekk imsejħa 'mini-serra', b'dimensjonijiet ta' 50 ċm (tul), 24 ċm (wisa') u 25 ċm(għoli).</p> <p>Il-qafas hu magħmul mill-injam, l-art għandha forma ta' gradilja tal-metall u l-materjal li jagħlaqha huwa plastik.</p> <p>Meta tintrama', il-parti ta' fuq tal-'mini serra' tista' tinfetaħ.</p> <p>(Ara r-ritratt A)²</p>	44219098	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1, 2(b) u 3 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6 u 4421, 442190 u 44219098.</p> <p>Il-karattru essenzjali tal-prodott jingħata mill-element kostruttiv (qafas tal-injam)</p> <p>Minħabba d-daqs ma jistax jiġi kklassifikat bħala bini prefabbrikat tal-intestatura 9406.</p>
<p>2. Friġġ u friża magħqudin flimkien, tat-tip li jintużaw fid-djar, ta' kapaċità ta' 579 litri, mgħammra b'żewġ bibien esterni separati.</p> <p>Il-qisien kumplessivihuma 180.8 ċm (għoli), 92.5 ċm (wisa') u 81.6 ċm (fond). Il-piż huwa ta' 112 kg.</p> <p>Il-kapaċità tal-friġġ hija ta' 368 litru u l-kapaċità tal-friża hija ta' 211-il-litru.</p> <p>Il-friġġ għandha xkaffi tal-ħġieġ reżistenti (ittemprat), żewġ kxaxen tal-ħaxix u, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieba, hemm spazju biex jinħażnu fliexken,eċċ.</p> <p>Il-friża għandha tlett ikxaxen.</p>	84181091	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet NM 8418, 841810 u 84181091.</p> <p>Is-subintestatura 841810 tkopri fiha kull friġġ ikkombinata ma' friża, li jkollha bibien seperati esterni imwaħħlin magħha, irrISPETTIVAMENT jekk din tkunx tat-tip tad-djar jew le.</p>

² Ir-ritratt huwa purament għall-informazzjoni.

<p>3. Sett maħruġ għall-bejgħ bl-imnut li jikkonsisti f':</p> <ul style="list-style-type: none"> – Kamera tat-televisin f'kaxxa li għandha forma ta' brik tal-plastik. – Sett li jikkonsisti fi briks u komponenti tal-armar tal-plastik. – CD-ROM <p>Il-kamera ma tistax taħżen ritratti fiha iżda tista' titrażżmettihom lejn magna li tiproċessa d-dejta awtomatikament permezz ta' kejbil tal-USB.</p> <p>Is-sett ta' briks u l-komponenti tal-armar jintużaw biex jinbena tripid.</p> <p>Is-CD-ROM fih irrekordjat programmi, dejta, vidjo u sound files.</p>	85253090	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1,3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-Kodiċi NM 8525, 852530 u 85253090.</p> <p>Għalkemm is-sett huwa iddisinjat għat-tfal, ma jistax jiġi kklassifikat bħala ġugarell taħt l-intestatura 9503 għaliex jieħu l-karattru essenzjali tiegħu mill-kamera tal-intestatura 8525.</p>
<p>4. Ktieb tat-taħbil il-moħħ għat-tfal, tal-kartonċin, ta' sittax-il paġna li fih</p> <p>Tmienja mill-paġni (dawk tax-xellug) fihom storja qasira bi stampa li għandha x'taqsam mal-istorja.</p> <p>Seba' mill-paġni (tan-naħa tal-lemin) fihom logħba fejn disa' biċċiet jingħaqdu biex jiffurmaw l-istampa fuq il-paġna korrispondenti.</p> <p>Il-paġna tal-aħħar fiha biss stampa.</p>	95036090	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1,3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-Kodiċi NM 9503 950360, u 95036090.</p> <p>Dan il-ktieb ma jistax jidħol taħt il-klassifikazzjoni bħala ktieb stampat taħt l-intestatura 4901 jew bħala ktieb tal-istampi għat-tfal taħt l-intestatura 4903 għaliex it-test u l-kliem għandhom funzjoni sussidjarja għal-logħba tat-taħbil il-moħħ.</p> <p>Il-logħba tat-taħbil il-moħħ tagħti l-karattru essenzjali u hija għalhekk ikklassifikata bħala logħba tat-taħbil il-</p>

		moħħ taħt l-intestatura 9503.
--	--	-------------------------------